MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Numru. 544/2002

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Caruana)
(Spettur Frans Micallef)
vs
Martin Tabone, Charlon Taliana, u
Maritha Demicoli sive Marita Grima

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra t-tlett imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati :
(a) talli f'Tas-Sliema, nhar is-6 ta' Lulju 2002 ghall-habta tas-7.45 ta' filghaxija ikkommettew serq ta' flus mill-fond numru 43 sitwat fi Triq Norfolk, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Joseph Grech, anzjan ta' 78 sena;
(b) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta' awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati,

arresaw, zammew, jew issekwestraw lill-istess Joseph Grech, anzjan ta’ 78 sena, kontra l-volonta tieghu;
(c) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uzaw vjolenza sabiex igieghelu lill-imsemmi anzjan Joseph Grech jaghmel, ihalli isir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;
(d) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Joseph Grech kif gie ccerifikat mit-tobba ta’ l-isptar San Luqa;
(e) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna u / jew il-propjeta, kellhom fil-pussess taghhom arma regolari jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
(f) talli f’dawn il-gzejjer fis-6 ta’ Lulju 2002 zammew u / jew garrew, jew kellhom fil-pussess taghhom arma regolari minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
(g) talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
(h) Lil Martin Tabone wahdu, talli huwa sar recediv b’diversi sentenzi diversament presuti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-10 ta’ Gunju, 2003 li permezz taghha deherlu illi fil-kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija tista tinstab htija jew htijiet taht dak illi hemm mahsub fil-konfront tal-imputati kollha barra Martin Tabone
(a) Fl-Artikoli 261 (a) (b) (f), 261 (a) (b), 263, 270, 274 (c), 276 (a), 278 tal-Kodici Kriminali;
(b) 86, 87 (f) tal-Kodici Kriminali;
(c) 221 tal-Kodici Kriminali;
(d) 2, 3, 19, 26 (a) tal-Kapitolu 66;
(e) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta’ Martin Tabone biss :
(a) Fl-Artikoli 261 (a) (b) (f), 262 (1) (a) (b), 263, 270, 274(c), 276 (a), 278 tal-Kodici Kriminali;
(b) 86, 87 (f) tal-Kodici Kriminali;
(c) 221 tal-Kodici Kriminali;
(d) 2, 3, 19, 26 (a) tal-Kapitolu 66;

(e) 334 tal-Kodici Kriminali;
(f) 49, 50 tal-Kodici Kriminali;
u semghet lit-tlett imputati fuq imsemmija iwiegbu illi ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Semghet lill-imputati Martin Tabone u Charlon Taliana debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dana waqt is-seduta tas-6 ta’ April, 2004;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputati Martin Tabone u Charlon Taliana ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, il-Qorti qeghda issibhom hekk hatja u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-10 ta’ Gunju, 2003;

Illi jibqa hekk biss illi l-Qorti tista tiddeciedi dwar htija o meno tal-imputata Maritha Demicoli sive Marita Grima u sussegwentement tghaddi wkoll sabiex tikkundanna lill-imputati Martin Tabone u Charlon Taliana misjuba hatja kif diga intqal;

Illi mill-provi prodotti irrizultaw is-segwenti fatti. Illi fis-6 ta’ Lulju, 2002 ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta’ filghaxija l-Ispettur Caruana gie infurmat illi xi nies kienu dahlu fuq ragel anzjan illi jirrisjedi fi Triq Norfolk Sliema. Meta wasal fuq il-post sab hemmhekk lil PS 1102 Robert Everest illi qallu illi l-vittma certu Joseph Grech ta’ 78 sena kien ittiehed l-isptar bl-ambulanza.

Illi irrizulta lill-pulizija illi ftit tal-hin qabel l-incident kienet habtitlu d-dar mara li kienet tidher li kienet tqila u talbitu xi flus u hu kien taha xi zewg liri. Joseph Grech kien ta deskrizzjoni ta’ din il-mara u lill-pulizija irrizultalhom illi din

il-mara kienet l-imputata Maritha Demicoli sive Marita Grima.  Ftit tal-hin wara rega' habbat il-bieb u meta l-anzjan rega' mar jiftah sab zewg irgiel illi f'daqqa wahda imbuttawh 'il gewwa.  Dawn iz-zewg irgiel kellhom sikkina f'idejhom, wiehed minnhom tah daqqa fuq rasu, bdew jistaqsuh ghall-flus.  L-anzjan qalilhom illi flus ma kellux. Dak il-hin hareg il-kartiera u kellu xi ghoxrin lira fil-kartiera li tahomlom.  Izda huma bdew jghidu li riedu aktar flus. Hu qalilhom li ma kellux u huma bdew iqalbu kullimkien. Waqt illi wiehed beda iqalleb, ir-ragel l-iehor zammu fuq il-pultruna b'sikkina ippuntata lejh.  L-anzjan qal lill-pulizija illi meta kienet marret thabbatlu l-mara, cioe' l-imputata hi bdiet tistaqsih certu affarijiet, bhal per ezempju jekk kienx ser johrog u hu beda jghidilha, "imma ghalfejn qed tistaqsini dawn l-affarijiet?"  Taha z-zewg liri u hi telqet. Iz-zewgt irgiel illi dahlu fuq l-anzjan serqulu zewg arloggi u xi stallet zghir tar-ram.  L-anzjan f'hin minnhom irnexxielu jahrab 'il barra u beda jghajjat ghall-ghajjut.  Dak il-hin dawk iz-zewgt irgiel hargu u telqu jigru 'l isfel.

Illi l-Ispettur Caruana, fuq informazzjoni illi gabar mill-girien ta' l-anzjan, ordna l-arrest tat-tlett imputati fuq imsemmija, illi wasslu d-depot, hu kellimhom wiehed, wiehed u kollha kemm huma cahdu l-involviment taghhom f'dan ir-reat.  L-Ispettur Caruana kien cempel ukoll lill-vittma li gie fuq il-post, id-depot tal-pulizija u lill-Ispettur Caruana kien qallu illi kien gharaf tnejn minn nies in kwistjoni u cioe' dak ta' xahru twil u dik il-mara a fol. 39 tal-process.  L-anzjan kien indika lill-Ispettur Caruana lill-imputati Martin Tabone u lil Maritha Demicoli.  Dak il-hin WPC 60 Grace Bonello infurmat lill-Ispettur Caruana li riedet tkellmu l-imputata.  L-Ispettur Caruana kellem lill-imputata li qaltlu, "Isma jien kont, fuq l-ohrajn jitkellmu huma" u irrilaxxjat stqarrija lill-pulizija fejn fost affarijiet ohrajn qalet illi kienet tmur ghand l-anzjan diversi drabi u illi kienet qalet lill-imputati Martin Tabone u Charlon Taliana illi l-anzjan ghandu l-flus, li qeghdin mohbijin fil-washing machine.  Iddeskriviet x'kien gara dak inhar fejn hija marret thabbat, x'qalet lill-anzjan u x'gara sussegwentement.  L-ghada l-Ispettur Caruana kellem lill-imputat Charlon Taliana illi ghazel illi jirrilaxxja stqarrija fejn ammetta l-involviment tieghu tar-reat u ikkonferma illi

kienet l-imputata Maritha Demicoli illi kienet qaltilhom b'dan l-anzjan. Taliana qal illi kellu stallet fuqu, waqt il-hold up, pero' huwa qatt ma mess lill-vittma. Skond Taliana gab dan l-istallet minghand Martin. Dwar il-flus l-imputat Taliana qal lill-Ispettur Caruana illi meta kienu fil-karozza u din hija ikkonfermata wkoll mill-imputata riedu jaqsmu u qallu mela sehemi hudu biex naqtghu mid-dejn li ghandi naghtik fuq il-mobile phones.

Illi l-imputat Martin Tabone wkoll ammetta l-involviment tieghu fir-reat u irrilaxxja stqarrija f'dan is-sens, kif ukoll ta lill-pulizija is-skieken li kienu intuzaw f'dan il-hold up.

Illi irrizulta wkoll illi mill-istqarrija tal-imputata Maritha Demicoli sive Marita Grima illi hija separata, tghix mal-imputat Charlon Taliana u taf lill-imputat Martin Tabone peress illi jghix fi flat fil-blokk fejn toqghod hi. Apparti minn hekk huwa habib taghha u ta' Charlon u johorgu flimkien. Fost affarijiet ohrajn l-imputata fl-istqarrija taghha qalet illi nizlet maz-zewg imputati minn Bugibba, marru tas-Sliema u l-parti taghha kienet illi hi wahedha tmur thabbat il-bieb ta' Joseph Grech, peress li kienet ilha tafu. Hija qalet illi qabel ma marret thabbat fuq il-bieb ta' Joseph Grech hija kienet ma Martin Tabone u Charlon Taliana u wara li l-anzjan taha l-flus, hija marret fejn iz-zewg imputati, li kienu 'l isfel mid-dar ta' Joseph Grech jistennewha hemm. Hija qaltilhom illi Grech kien qieghed id-dar u illi kien taha lira u nofs. Hi kienet taf li Tabone u Taliana kienu ser jisirqu lil Grech, pero' ma kienitx taf li ser isawtuh. Hija marret tistenna 'l isfel mid-dar ta' Grech u wara li Martin u Charlon serqu lil Grech, gew hdejha fejn kienet qeghda tistenna u t-tlieta li kienu riekbu tal-linja u marru lura lejn Bugibba. Waqt li kienu fuq tal-linja, staqsiet lil Tabone u lil Taliana kienux wegghu lil Grech waqt is-serqa u huma qalulha li ma kienux wegghuh. Mistoqsija ta' min kienet l-ideja li jmorru jisirqu lil Joseph Grech, l-imputata wiegbet li l-ideja kienet taghha u qalet hekk, "Jiena ghidtilhom b'dan, cioe' b'Joseph Grech, jiena hsibt li kellu aktar minn hekk flus, pero' jiena qatt ma ridt in inwegghuh" (fol. 44 tal-process). Hija qalet ukoll fl-istqarrija taghha li meta t-tlieta li huma kienu fuq tal-linja Martin taha sehem Charlon u cioe' disa' liri u hija dawn il-

flus kienet diga nefqithom qabel ma irrilaxxjat l-istqarrija taghha.

Illi mill-istqarrija ta’ Charlon Taliana irrizulta wkoll illi l-ideja li jmorru fuq l-anzjan kienet tal-imputata. Hija ghaddiet lilu u lill-imputat l-iehor minn quddiem il-bieb ta’ l-anzjan u qaltilhom, “Ara dan il-bieb l-isfar li mat-tieqa ghandu l-hadid” (fol. 47 tal-process). Waqt illi marru biex jisirquh hija qaghdet tistennihom. Maritha Grima kienet qalet liz-zewg imputati wkoll x’kellhom jaghmlu u cioe’ illi kellhom jitolbu lill-anzjan sabiex jaghmlu telefonata, umbaghad jimbuttawh ‘il gewwa u jisirquh. Qaltilhom illi kellu l-flus mohbija fil-washing machine. L-imputat Charlon Taliana ammetta mal-pulizija illi huwa kellu sikkina fuqu meta dahal fuq l-anzjan u s-sikkina kien tahielu Martin u qallu biex izommha ghal self defence. Hu tefaha fil-but ta’ wara. Meta dahal fuq ix-xih, hareg is-sikkina, pero’ ma messx lill-anzjan biha. Wara s-serqa rega’ ta s-sikkina lura lil Martin.

Illi mill-istqarrija ta’ l-imputat Martin Tabone irrizulta illi dakinhar tas-serqa kienet habtitlu l-bieb l-imputata Maritha l tghix mal-imputat Charlon u staqsietu riedx imur maghha u ma Charlon ghand wiehed li joqghod Ta’ Sliema li fil-washing machine tieghu kellu hafna flus, madwar hamest elef lira. Hi hajritu, u hu accetta u fil-fatt mar maghhom. Meta Maritha qaltlu b’din il-bicca xoghol iddecieda li jiehu z-zewgt iskieken li kellu ghas-self defence u meta gie Charlon kien qallu b’dan il-hsieb li kellu li juzaw l-iskieken ghas-self defence. Charlon ghogbitu l-ideja u kien Charlon illi qala l-iskieken illi Martin kellu imdendlin mal-hajt. It-tlieta li huma qabdu il-karozza tal-linja u marru tas-Sliema u ftehmu li meta jaslu fejn kien joqghod dan ir-ragel, Maritha tmur thabbatlu u tidhol ghandu peress illi gieli dahlet ghandu qabel u waqt li kellha tkun hemm hu u l-imputat l-iehor kellhom imorru ihabtulu u meta jiftah jisirquh. Meta waslu Maritha hadithom go triq quddiem dar li kellha l-bieb beige. Maritha waqfet iccempel il-qanpiena tal-bieb u hu u Charlon baqghu mexjin man-naha l-ohra tat-triq. Raw il-bieb jinfetah u lil Maritha tkellem lil xi hadd. Wara ftit Maritha giet lura u qaltilhom li dan l-anzjan kien hiereg ghall-habta tat-tmienja u nofs.

Charlon baghatha ‘l isfel fid-direzzjoni tal-Balluta u hu u Charlon marru ihabtulu. Kif fetah ir-ragel huwa qallu illi kellu bzonn icempel u meta dan ipprotesta u irrifjuta huma imbuttawh ‘il gewwa u ghalqu l-bieb. Kemm hu, kif ukoll Charlon hargu s-sikkina, hu ordna lil dan l-anzjan sabiex jaghtihom il-flus, u hu tahom il-wallet u qalilhom li ma kellux iktar flus minn hekk. Charlon qala l-washing machine, pero’ flus ma sabx. Sa kemm Charlon qaghad ifittex hu baqa’ ghassa mar-ragel, u beda jghidlu biex joqghod kwiet. Dak il-hin kollu huwa kellu s-sikkina f’idejh. F’hin minnhom l-anzjan tah is-salt, imbuttah u harab mill-bieb ta’ barra, hareg fit-triq u beda jghajjat ghall-ghajjut. Skond l-imputat, meta huwa ipprova igebbdu lura minn idejh, l-anzjan qabat rasu mal-injama tal-bieb. Kif gara hekk iz-zewg imputati harbu minn fuq il-post.

Illi xehed il-vittma Joseph Grech illi qal illi dakinhar li inqala l-incident kien id-dar ghall-kwiet u ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta’ filghaxija fetah il-bieb u sab lill-imputata quddiemu li talbitu xi haga tal-flus. Huwa qal illi mhux l-ewwel darba li l-imputata kienet ghamlet hekk u hu taha xi haga zghira tal-flus. L-imputata staqsietu kienx wahdu, jekk kienx hiereg u dana ghal tlett darbiet u hu qalilha. “Ghalfejn qeghda tistaqsini?” U hi qaltlu “Tohrogx”. Wara li telqet ghaddew xi hmistax il-minuta, habbat il-bieb u meta fetah ra liz-zewg imputati Martin Tabone u Charlon Taliana. Ipprova jaghlaq il-bieb, pero’ huma sfurzaw u imbuttawh b’kollox u dahlu gewwa. Qalulu li gew biex ikellmuh biss u li riedu il-flus minghandu. Kellu hamsa u ghoxrin lira u tahom lill-imputat Tabone. Imma z-zewg imputati qalulu li riedu iktar flus. L-imputat Taliana dahal gewwa u beda iqalleb u baqghu hu u l-imputat Tabone. Tabone qallu “ghatini l-flus” kollha u hareg flick knife kbira u ippuntaha ma ghonqu. Qallu “Jekk ma taghtinix aktar flus ser tispicca hazin”. U l-imputat Taliana qallu “isma x’qed jghidlek ghax dak jasal”. Joseph Grech kompla jixhed illi Tabone heddu illi jekk ma kienx ser jaghtih aktar flus kien ser iqattghu bicciet u jitfghu fil-banju. Huwa ta skoss u hareg ‘il barra. Izda qabel ma lahaq hareg l-imputat Tabone tah daqqa ta’ sikkina go rasu. Id-daqqa tahielu mhux bil-ponta tas-sikkina, imma bil-manku. Huwa

sussegwentement ittiehed l-isptar ghall-kura. Grech xehed illi minkejja li Taliana wkoll kellu sikkina huwa ma heddux biha.

Ikkunsidrat :

Illi fil-konfront ta' l-imputat Charlon Taliana t-tezi tad-difiza hija illi l-imputat Taliana ma ghandux jigi misjub hati ta' l-atti kommessi mill-ko-imputat l-iehor Martin Tabone peress illi s-sehem tieghu fir-reat in kwistjoni ma kienx daqstant gravi daqs is-sehem tal-imputat Martin Tabone.

Illi ghar-rigward ta' l-imputata Maritha Demicoli sive Marita Grima, id-difiza issostni li ghandha tigi misjuba hatja biss ta' ricettazzjoni, imma mhux tar-reat tas-serq aggravat. Dana peress illi skond id-difiza l-imputata Maritha Demicoli habtet il-bieb, talbet il-flus lill-anzjan, izda umbaghad iz-zewg imputati l-ohrajn ipprezentaw ruhhom id-dar ta' l-anzjan wara li Maritha Demicoli kienet diga telqet minn fuq il-post u mhux fl-istess hin. Skond l-Avukat difensur ma kienitx Maritha Demicoli illi qalet liz-zewg imputati l-ohrajn biex jisirqu lill-anzjan u ma tathomx struzzjonijiet hi fejn ghandhom imorru, ma qaltilhomx fejn ghandu l-flus u fejn ma ghandux. Skond l-Avukat Difensur minn dan ma jirrizulta xejn, hlief ir-reat ta' ricettazzjoni.

Illi, in sucint, il-Prosekuzzjoni irribattiet l-argument tad-difiza billi qalet illi l-imputati l-ohrajn ma kienux jafu b'dan l-anzjan li kieku mhux ghax indikatulhom Maritha Demicoli u uriethom sahansitra anke il-bieb fejn kien joqghod.

Illi fir-rigward ta' l-imputata Maritha Demicoli, huwa minnu illi din ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri, izda fl-istqarrija taghha, ir-regina tal-provi, hija stqarret illi kienet nizlet maz-zewg imputati l-ohrajn minn Bugibba lejn tas-Sliema u l-parti taghha (fol 44 tal-process) kienet illi hi waheda tmur thabbat il-bieb ta' Joseph Grech, peress li kienet ilha tafu. Meta fetah il-bieb, staqsietu jekk kienx "all right". Dan qalilha "iva" u qalilha li kien ser jaghtiha xi haga tal-flus u fil-fatt taha lira u nofs. Maritha tkompli tghid fl-istqarrija taghha illi qabel ma marret thabbat il-bieb ta' Grech kienet ma Martin Tabone u Charlon Taliana.

Wara li Grech taha l-flus regghet marret hdejn dawn it-tnejn li kienu l-isfel mid-dar ta’ Grech jistennewha hemm hekk. Qaltilhom li Grech kien qieghed id-dar u li taha lira u nofs. Maritha tkompli tghid hekk fl-istqarrija taghha a fol. 44 tal-process, “Jien kont naf li Martin Tabone u Charlon Taliana kienu ser jisirqu lil Joseph Grech, pero’ ma kontx naf li ser isawwtuh. Jien mort nistenna ‘l isfel mid-dar ta’ Joseph Grech. Wara li Martin u Charlon serqu lil Joseph Grech gew hdejja, fejn kont qed nistenna. Kont qeghda hdejn il-Balluta u meta Martin u Charlon gew it-tlieta li ahna irkibna tal-linja u morna lura lejn Bugibba. Mistoqsija mill-Ufficjal Prosekutur ta' min kienet l-ideja li jmorru jisirqu lil Joseph Grech, hija wiegbet hekk fl-istqarrija taghha, a fol. 44 tal-process, “Tieghi Sir, jien ghidtilhom b’dan, cioe’ b’Joseph Grech, jien hsibt li kellu aktar minn hekk flus. Pero’ jiena qatt ma ridt li inwegghuh”. Demicoli qalet ukoll fl-istqarrija taghha, dejjem a fol. 44 tal-process, illi meta t-tlieta li huma kienu fuq tal-linja, Martin taha sehem Charlon u cioe’ taha LM9. Dawn zammithom u l-flus diga neqfithom. Jigifieri mill-istqarrija biss tal-imputata Demicoli, jirrizulta illi certament kienet l-ideja taghha illi t-tlieta li huma jmorru tas-Sliema ghand dan Joseph Grech. Hija ammettiet fl-istess stqarrija li z-zewg imputati l-ohrajn ma kienux jafu min hu dan Joseph Grech u lanqas fejn kien joqghod. Uriethom hi d-dar, qaltilhom hi bih, qaltilhom illi kellu l-flus mohbija fil-washing machine u l-ideja li fil-fatt jisirquh kienet taghha. Marret thabbatlu l-bieb, anke kif jirrizulta mill-istess xhieda ta’ Joseph Grech, talbitu l-flus, huwa taha l-flus kif sikwiet kien jaghmel, peress li kien jithassarha. Staqsietu kienx hiereg, staqsietu jekk kienx wahdu, qaltlu biex ma johrogx, nizlet qaltilhom liz-zewg imputati l-ohrajn b’dak illi kien gara u qaghdet tistennihom u wara li hargu minghand l-anzjan hadet sehemha mis-serqa, u cioe’ hadet disa’ liri.

Illi l-awtur “Antolisei” fil-ktieb tieghu “Manuale di diritto penale, parte generale”, pagna 552 jghid hekk dwar ir-rekwiziti tal-komplicita : “Nel sistema del nostro diritto posittivo quattro sono gli elementi indispensabili per l’ezistenza del concorso criminoso :

(1) Una pluralita di agenti;

(2) La realizzazzione dell'elemento oggettivo di un reato da parte di taluno dei concorrenti;
(3) Un contributo causale alla verificazione del fatto;
(4) La volonta li coperare alla commissione del reato".

Illi certament kemm fil-kaz tal-imputata Maritha Demicoli, kif ukoll fil-kaz tal-imputat Charlon Taliana, jikkonkorru dawn l-erba' elementi kollha, u cioe' illi sabiex gew kommessi ir-reati in kwistjoni kien hemm diversi agenti involuti, it-tlett imputati, it-tlieta li huma hadu sehem b'xi mod jew iehor sabiex gew kommessi ir-reati in kwistjoni. Rigward it-tieni element, l-element oggettiv tar-reat da parti minn xi hadd mill-komplici, effettivament l-imputati Taliana u Tabone irnexxielhom jisirqu lill-anzjan. It-tielet element, il-kontribut li jikkawza il-fatt u cioe' is-serqa, kemm Maritha Demicoli, kif ukoll Taliana, it-tnejn li huma ikkontribew sabiex jigi ikkawzat ir-reat in kwistjoni. Li kieku Maritha Demicoli ma giethiex l-ideja li jisirqu lil dan l-anzjan, li kienet tafu hi biss, ghad eskluzzjoni taz-zewg imputati l-ohrajn u li kieku ma hadithomx fuq il-post, uriethom il-bieb tieghu, habbtitlu, ghamlitlu certu domandi, li kieku z-zewg imputati l-ohrajn qatt ma setghu waslu sabiex jisirquh, di pui meta lanqas biss kienu jafu li dan l-anzjan kien jezisti. Hija mhux talli instigathom biex jikkommettu ir-reat in kwistjoni, talli hadithom hi stess fuq il-post, ghinithom qabel ma gie kommess is-serq u ghinithom ukoll wara, ghinithom billi harbet maghhom minn fuq il-post u hadet sehemha mis-serqa.

Illi, in kwantu ghall-imputat Taliana, dan ukoll kien armat b'sikkina. Huwa minnu li ma feriex lill-anzjan biha, izda meta Tabone beda jheddu li iqattghu bicciet, Taliana qallu, "ibza minnu lil dak", b'referenza ghal Tabone, "ghaliex dak jasal". Waqt illi Tabone beda jzomm lill-anzjan billi jipputtalu s-sikkina lejn ghonqu, Taliana beda iqalleb mad-dar kollha sabiex isib il-flus. Il-flus illi sab huwa qasamhom maz-zewg imputati l-ohrajn. Mela allura kull wiehed u wahda mill-imputati in kwistjoni kellhom sehem attiv sabiex gie ikkawzat ir-reat in kwistjoni u r-raba' element l-intenzjoni li jikkopperaw sabiex jigi kommess ir-reat jissussisti. Ma hemm l-ebda dubbju illi kull wiehed u wahda mill-imputati in kwistjoni kellhom l-

intenzjoni li jisirqu lil dan l-anzjan, b'dana pero' illi Maritha Demicoli certament ma kellhiex l-intenzjoni illi l-anzjan jigi ferut. L-istess ma jistax jinghad ghaz-zewg imputati l-ohrajn, illi dahlu fil-fond armati u t-tnejn li huma hargu s-sikkina sabiex ibezzghu lill-anzjan biha.

Illi dejjem ghal dak li jirrigwarda l-ferriment tal-anzjan, mill-istess stqarrija tal-imputat Charlon Taliana, irrizulta illi meta dahlu fid-dar tal-anzjan, Martin Tabone ghamel is-sikkina ma ghonq l-anzjan, Taliana bl-ebda mod ma ipprova iwaqqaf lil Tabone milli jaghmel hekk. Anzi, huwa stess hareg is-sikkina sabiex ibezza biha lill-anzjan. Taliana qal ukoll illi ra lil Martin jinbotta lix-xih u qal ukoll illi ra lix-xih jahbat ma xi haga tal-hgieg, wara li kien inbuttah Martin u l-istess huwa ma ippruvax iwaqqaf lil Martin milli jaghmel hekk. Taliana qal ukoll fl-istqarija tieghu illi l-anzjan qaghad bil-qeghda fuq is-sufan u kull darba li beda jipprova iqum, Martin beda jinbuttah ghal bil-qeghda. Sadanittant huwa flok waqqaf lil siehbu beda ifittex kullimkien ghall-flus.

Jirrizulta ghalhekk illi fl-ebda hin, fl-ebda mument, Taliana ma ipprova iwaqqaf lil Tabone milli jhedded lill-anzjan bis-sikkina u ghalhekk huwa responsabbli wkoll ghall-feriti hfief illi sofra l-anzjan, u f'dan ir-rigward ukoll il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 45 paragrafu (c) tal-Kap. 9.

Illi ghalhekk fir-rigward tal-imputata Maritha Demicoli sive Marita Grima, il-Qorti issib illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel, it-tieni u il-hames imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, filwaqt illi tilliberaha mill-akkuzi kollha l-ohrajn illi ma gewx ippruvati.

Illi fir-rigward tal-imputat Martin Tabone, il-Qorti qeghda issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u fil-kaz tal-imputat Charlon Taliana l-Qorti issibu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu filwaqt illi tilliberah mis-seba' imputazzjoni, peress illi una volta li gie ippruvat ir-reat ta' serq ghalhekk huwa eskluz ir-reat ta' ricettazzjoni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena ghal dak li jirrigwarda l-imputat Martin Tabone, il-Qorti wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali, rat ukoll il-fedina penali ta’ Martin Tabone illi hija twila disa’ faccati u illi minnha jirrizulta illi dan l-imputat diga gie misjub hati ta’ serq aggravat, ta’ ricettazzjoni, ta’ pussess ta’ droga eroina u sahansitra wkoll ta’ attentat ta’ qtil. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi dan l-imputat huwa recidiv u illi kien inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma hajtu, inghata wkoll sentenzi ta’ habs, madanakollu jidher illi dan l-imputat ma iridx jitghallem il-lezzjoni u irid jibqa ghaddej bil-hajja kriminali tieghu. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi serq aggravat u illi issir ghad-dannu ta’ persuna anzjana ta’ 78 sena huwa reat serju ferm illi jisthoqlu piena ta’ prigunerija. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat Martin Tabone, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta’ tlett snin u nofs, u dana wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikoli 31, 20, 17 tal-Kap. 9.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-imputat Charlon Taliana, il-Qorti tikkundannah, wara li wkoll rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-10 ta’ Gunju, 2003 u l-Artikoli 17, 20 u 31 tal-Kap. 9, ghall-prigunerija ta’ tlett snin, u dana peress illi kif diga irrimmarkat il-Qorti dan ir-reat huwa serju ferm peress illi huwa reat ta’ serq bi vjolenza u wkoll aggravat li sehh fuq persuna anzjana ta’ 78 sena.

Illi fil-konfront ta’ l-imputata Maritha Demicoli sive Marita Grima, misjuba hatja kif diga intqal, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-10 ta’ Gunju, 2003, kif ukoll l-Artikoli 17, 20 u 31 tal-Kap. 9, il-Qorti qeghda tikkundannaha ghall-prigunerija ta’ sittax il-xahar.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena fil-konfront tal-imputata Maritha Demicoli sive Marita Grima il-Qorti rat il-fedina penali ta’ din l-imputata twila erbaghtax il-faccata, minn fejn irrizulta illi din l-imputata inghatat diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex tirriforma hajjitha.

Madanakollu hija baqghet ghaddejja bil-hajja kriminali taghha u ma gharfitx tahtaf wahda mid-diversi opportunitajiet moghtija lilha mill-Qrati taghna sabiex tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi l-imputata ghandha tlett itfal mill-ewwel ragel taghha; liema tfal jinsabu kollha f'istitut u li qeghdin taht "care order".

Illi apparti minn dan kollu l-imputata bhalissa qeghda tirrisjedi mal-imputat Charlon Taliana f'fond fi Triq Enrico Mizzi il-Gzira, u jekk din ma issibx post iehor fejn tirrisjedi hemm il-biza reali li din it-tarbija taghha ser titpogga taht "care order" peress illi l-post fejn tirrisjedi bhalissa l-imputata hija vicin post fejn hu maghruf li issir il-prostizzjoni. Irrizulta mis-"social inquiry report" ikkommissjonat mill-Qorti fuq talba tad-difiza illi l-imputata ma tahdimx u qatt ma hadmet u tikkoabita mal-imputat Charlon Taliana illi wkoll huwa disokkupat.

Irrizulta wkoll illi l-imputata bhalissa giet riferuta sabiex issegwiha psikologa tal-agenzija Appogg sabiex Maritha tigi mghejjuna ittejjeb il-kapacitajiet taghha f'dak illi jirrigwarda it-trobbija tat-tfal. Marietta Lanzon, Ufficjal tal-Probation li hejjiet is-social inquiry report ikkonkludiet hekk, "Ta' min jinnota li Maritha ghandha diversi problemi socjali li ghad iridu jigu rizolti. Hija konxja ta' dan u fil-fatt ghandha kuntatt tajjeb ma l-agenzija Appogg u dan l-ahhar hija giet irriferuta ghall-"councelling".

Illi, madanakollu, il-Qorti mhijiex konvinta illi l-imputata ghamlet xi sforz jew sabiex isib xi impjieg, jew inkella sabiex verament tibdel hajjitha u ma tibqax ghaddejja fil-hajja ta' kriminalita. Huwa rilevanti wkoll il-fatt illi l-imputata inghatat diversi opportunitajiet sabiex tirriforma hajjitha peress illi kienet giet liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor, u ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax fil-konfront taghha tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9. Dak illi setghet taghmel il-Qorti kien illi terga tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 446. Pero', kif diga kellha okkazzjoni illi tirrimarka din il-Qorti, il-Qorti ma tarax illi jezistu xi cirkostanzi il-ghala ghandha proprju

tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446, u dana peress illi ma hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi minn meta gie kommess ir-reat in kwistjoni sal-lum, hlief illi Maritha ser tinghata “counselling” dwar “parental skills”. Omm l-istess Maritha Demicoli tghid illi bintha waqghet ghall-kriminalita tort tal-kumpannija hazina illi bhalissa qeghda izomm. “Dawn il-hbieb dahhluha fl-inkwiet u ma ghandhiex xi tridhom” (a fol. 204 tal-process). L-istess zewg Maritha Demicoli, Crocefisso Demicoli, jghid illi illum il-gurnata martu qeghda tghix mal-imputat Charlon, huwa inkwetat ghaliex ihoss illi l-koppja Maritha u Charlon ma ghandhomx il-mezzi sabiex jiehdu hsieb it-tarbija taghhom.

Il-Qorti tara li din mhijiex l-ewwel darba illi Maritha Demicoli ikkommettiet reati kriminali u wasal iz-zmien illi Maritha Demicoli taghmel il-kontijiet taghha mas-socjeta’.

Finalment irid jigi iz-zmien illi persuna ma tibqax aktar tinghata opportunijiet mill-Qrati taghna sabiex tirriforma hajjitha gja la darba jkun jirrizulta illi din il-persuna tkun diga inghatat diversi opportunitajiet bhal dawn fil-passat u ma hatfitx wahda minn dawn l-opportunitajiet, u dan aktar u aktar fl-isfond tas-serjeta u tal-gravita tar-reati kommessi mill-imputata Marita Demicoli, kif ukoll il-messagg illi l-Qorti tara illi jrid jinghata, u cioe’ wiehed ma jistax jibqa jikkommetti reati u jahseb illi ser jehlisha hafif, aktar u aktar meta jigu kommessi reati ta’ serq bi vjolenza fuq persuni anzjani. Ta’ min ifakkar illi l-istess anzjan illi gie misruq kien ghin lil Maritha Demicoli f’diversi okkazzjonijiet billi taha xi haga tal-flus, u minn fuq il-grazzi, haditlu zewg irgiel sabiex jisirquh go daru.

Illi fir-rigward tal-imputat Charlon Taliana, l-Qorti rat il-fedina penali ta’ dan l-imputat, li hija twila sitt faccati u li minnha jirrizulta illi l-imputat Charlon Taliana gie misjub hati talli ikkaguna griehi ta’ natura hafifa, hedded u ingurja persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qeghda taghmel dak is-servizz, kien fil-pussess ta’ sikkina, fost diversi reati ohrajn. Dan l-imputat inghata wkoll diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba, izda flok

hataf xi wahda minn dawn l-opportunitajiet huwa baqa ghaddej bil-hajja kriminali tieghu. Fil-prezent, huwa ma jahdimx u mis-"social inquiry report" dwaru irrizulta illi kellu trobbija infelici peress illi l-genituri tieghu kienu separati, ghamel xi zmien wkoll fejn kien f'istitut. Mis-"social inquiry report" irrizulta li dan l-imputat gie riferut mill-agenzija Sedqa illi irreferewh ghat-tobba tad-detox. Omm l-imputat tghid illi binha huwa nervuz u ma jistax izomm impjieg ghal zmien twil u dana wkoll huwa rifless fir-record tax-xoghol ta' dan l-imputat mahrug mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig.

Illi, bhal fil-kaz ta' Maritha Demicoli, ma jirrizultax illi dan l-imputat ghamel xi sforz genwin sabiex jibdel hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.

Illi wkoll f'dan il-kaz ma jistghux jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 peress illi kienu gew applikati fil-konfront ta' dan l-imputat id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 152, illum Kapitolu 446.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti wkoll tara li mhux il-kaz illi tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446, kemm minhabba il-fatt illi l-imputat ma weriex xi tibdil genwin f'hajtu, kif ukoll minhabba l-messagg li jrid jinghata lis-socjeta' u cioe' illi f'kaz illi imputat jinghata opportunitajiet mill-Qrati sabiex jirriforma hajtu u ma jahtafx xi wahda minn dawn l-opportunitajiet, huwa ma jistax jippretendi li jibqa jikkommetti reati, f'dan il-kaz, reat ta' serq aggravat fuq persuna anzjana ta' 78 sena, u jippretendi li ser jehlisha hafif. Finalment trid tasal il-gurnata meta persuna li ma trid bl-ebda mod tirriforma hajjitha, trid taghmel il-kontijiet taghha mas-socjeta' u thallas ta' dak illi tkun ghamlet. Ma jistax jinghata xi messagg fis-sens illi kull min kellu xi trobbija infelici jew xi problemi fil-passat tieghu jista jikkommetti reati in kontinwazzjoni u qatt ma jinghata piena karcerarja. Il-Qorti dejjem trid tqis ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz u tiddetermina l-piena skond dawk ic-cirkostanzi, kif il-Qorti ghamlet f'dan il-kaz.

Finalment, il-Qorti tordna illi kull zmien illi t-tlett imputati fuq imsemmija ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni

mar-reati de quo ghandu jitnaqqas mill-piena ta’ habs illi huma ghandhom iservu ghal dawn ir-reati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------